MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 4/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mary Claire sive Claire Gauci (ID 407457M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Mary Claire sive Claire Gauci**

**Vs**
**Michael Borg (ID 576078M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Jannar 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta tliet mija u tnejn u disghin lira wiehed u ghoxrin centezmu rapprezentanti l-valur tad-danni sofferti fil-vettura tal-attrici li ggib in-numru FBM 726 f'incident stradali li sehh il-Marsa nhar il-15 ta Jannar 2001 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu numru EAL 683 u ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 27 ta Awissu 2003 u ta l-ittra ufficcjali prezentata

kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta Awissu 2003 sal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 5 ta April 2005 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li jallega li hu ma kienx jahti ghall-imsemmi ncident stante li l-impatt gara minhabba tortijiet imputabbli lill-istess attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami ghandna bhala provi x-xhieda tas-sewwieqa u l-formola bumper to bumper li mtliet minnhom apparti l-prova ta fejn giet kkagunata l-hsara fuq il-vetturi rispettivi. Illi dwar il-valur tal-kwantum mitlub gie verbalizzat li ma hemmx kontestazzjoni f'dan is-sens.

Illi dwar l-incident per se, l-attrici tghid li dan gara fil-vicinanzi tat-traffic lights li hemm fejn il-Marsa Shipbuilding. Waqt li kienet wieqfa fuq il-lights peress li kienu mixghula homor u kien hemm in-nies qed jaqsmu hija hasset daqqa fuq wara tal-vettura taghha. Mill-mument li waqfet fuq il-lights sakemm hasset id-daqqa tghid li ghadda ftit hin – anqas minn minuta. Ghalkemm hija ffirmat il-formola pero ssostni li ma tatx wisq kaz tal-kontenut.

Il-konvenut jikkonferma li l-vettura tal-attrici kienet miexja fit-trieq quddiemu – tal-attrici fuq it-tielet karreggjata filwaqt li hu fuq it-tieni wahda. F'hin minnhom ra tifel li kien fil-vettura tal-attrici jaghmel xi sinjal b'idejh u huwa hadha li dan kien qed jindikalu li xtaqu jaqsmu ghal fuq il-karreggjata tieghu. Fil-fatt huwa naqqas ftit il-velocita u l-vettura tal-attrici qasmet minn quddiemu minn fuq il-lemin tieghu ghal quddiemu u sussegwentement ghal fuq ix-xellug tieghu cioe fuq il-karreggjata ta gewwa fejn waqfet. Malli waqfet xi zewg vetturi quddiemu, il-konvenut bbrejkja biex jieqaf hu wkoll pero ma rnexxielux anke peress li kienet niezla x-xita u l-art kienet imxarrba. Ipprova anke jigbed lejn naha biex jevitha pero xorta sehh l-impatt.

Aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu jghid li huwa gie nterpretat hazin mit-Tribunal ghax jallega li meta qasmitlu, l-attrici waqfet quddiemu fuq il-lane tieghu u mhux kompliet taqsam ghal fuq il-karreggjata ta gewwa. Jikkonferma pero li l-attrici waqfet quddiemu peress illi t-traffic lights xeghlu ahmar. Il-hsarat fuq il-vetturi rispettivi kienu fuq in-naha ta quddiem tal-lemin tal-konvenut u fuq in-naha ta wara tax-xellug tal-attrici.

In kontro-ezami jghid li ma hux minnu li l-attrici kienet ilha wieqfa xi zmien fuq il-lights qabel ma habat fiha pero fl-istess hin jikkonferma li kien hemm ragel qed jaqsam. Illi l-attrici meta giet mistoqsija dwar jekk qalbitx il-lane hi u toqrob il-lights, twiegeb li ma tiftakarx pero hekk kif avvicinat l-istess lights ssostni li baqghet fuq l-istess karreggjata.

Illi jekk wiehed kellu jiehu l-verzjoni tal-konvenut bhala dik l-aktar korretta, wkoll din twassal ghal sejba ta responsabbilita totali fil-konfront tieghu. Skond kliemu stess dan ma kienx kaz li l-attrici qabdet u qasmitlu u kwindi ostakolatu u habat fiha ghax holqitlu a sudden emergency. Izda dan kien kaz se mai, dejjem skond l-istess konvenut, li huwa kien cedilha lill-attrici sabiex taqsamlu ghal fuq il-karreggjata tieghu minnhabba li rrikonoxxa s-sinjali tat-tifel taghha – tant hu hekk li huwa anke naqqas mill-velocita tal-vettura tieghu. Illi ghalhekk meta huwa ex admissis ighid li halliha tghaddi l-attrici, huwa messu halla distanza bizzejjed bejnu u bejnha partikolarment meta tqis li l-art kienet imxarba u kienu qed joqorbu traffic lights. Difatti il-konvenut stess jammetti wkoll li l-attrici waqfet mhux b’kapricc izda il-ghaliex il-lights kienu homor u addirittura gia kien hemm persuna qed taqsam fuqhom.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Michael Borg kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet minnu sollevati u konsegwentement ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma minnhom rikjesta ta tliet mija u

tnejn u disghin liri maltin wiehed u ghoxrin centezmu (Lm392.21) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta Awissu 2003 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------